

Brussell, 19 ta' Frar 2024
(OR. en)

6755/24

ENER 86
CLIMA 76
TRANS 102
IND 95
COMPET 193
FIN 173
RECH 76

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	19 ta' Frar 2024
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 5711/24	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 22/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu "Enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta fl-UE: Pjanijiet ambizzjużi għat-tkabbir, iżda s-sostenibbiltà tibqa' sfida" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (19 ta' Frar 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 22/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu "Enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta fl-UE: Pjanijiet ambizzjużi għat-tkabbir, iżda s-sostenibbiltà tibqa' sfida", kif approvati mill-Kunsill Affarijiet Barranin fil-laqgħa tiegħu li saret fid-19 ta' Frar 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 22/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu "Enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta fl-UE – Pjanijiet ambizzjużi għat-tkabbir, iżda s-sostenibbiltà tibqa' sfida".

II-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JIRRINGRAZZJA lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri għar-Rapport Speċjali Nru 22/2023 bit-titlu "Enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta fl-UE – Pjanijiet ambizzjużi għat-tkabbir iżda s-sostenibbiltà għadha sfida".
2. JIRRIKONOXXI l-enfasi tar-Rapport Speċjali fuq l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta fl-Unjoni Ewropea.
3. IFAKKAR li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew reċentement qablu dwar il-bieċa l-kbira tal-leġiżlazzjoni fl-ambitu tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", li jistabbilixxi l-qafas għall-implimentazzjoni tal-miri tal-Unjoni għall-klima u l-enerġija għall-2030; u f'dan il-kuntest JENFASIZZA r-reviżjonijiet tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija u d-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli inkluż fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar l-iffaċilitar tal-għoti ta' permessi għal proġetti konġunti ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta¹.
4. IFAKKAR fl-importanza tal-enerġija rinnovabbli offshore biex tikkontribwixxi għall-kisba tal-oġġettivi klimatiċi tal-Unjoni, prezzijiet tal-enerġija kompetittivi u provvista tal-enerġija reżiljenti fl-Ewropa.

¹ L-Artikolu 1(4)(b) tad-Direttiva (UE) 2023/2413 li temenda d-Direttiva 2018/2001 biex jiżdied il-paragrafu 7a fl-Artikolu 9

5. JENFASIZZA l-ftehimiet mhux vinkolanti differenti għall-kooperazzjoni dwar l-għanijiet għall-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli offshore li għandhom jintużaw f'kull baċir tal-baħar sal-2050 bi stadji intermedji fl-2040 u fl-2030² konklużi skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament TEN-E³. Iċ-ċifri flimkien jagħtu ambizzjoni ġenerali li jiġu installati madwar 111 GW ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta sa tmiem dan id-deċennju.
6. JIEĦU NOTA tad-diskussjonijiet li għaddejjin fir-rigward tal-baċiri differenti tal-baħar tal-UE kif ukoll id-dikjarazzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet konġunti l-aktar reċenti dwar xi baċiri tal-baħar li jkomplu jżidu l-ambizzjonijiet⁴ u jidentifikaw azzjonijiet biex jintlaħqu l-ambizzjonijiet⁵.
7. JISTENNA B'INTERESS il-Gwida imminenti dwar l-Allokazzjoni tal-Kost Transkonfinali u l-pjan strateġiku integrat ta' livell għoli għall-iżvilupp tan-network lil hinn mill-kosta tan-Network Ewropew tal-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni għall-Elettriku għal kull baċir tal-baħar kif meħtieġ mit-TEN-E, bħala parti minn kull ċiklu ta' għaxar snin tal-pjan għall-iżvilupp tan-network.
8. JAGĦRAF l-importanza tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima stabbiliti mill-Istati Membri biex jintlaħqu l-oġettivi differenti
9. JIEĦU nota tal-osservazzjonijiet, il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport Speċjali. inkluż il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi differenti b'mod strutturali, u b'mod partikolari s-sejħa għal varar sostenibbli, ikkoordinat u aċċellerat tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta.

² Il-ftehimiet mhux vinkolanti tad-19 ta' Jannar 2023 dwar l-għanijiet għall-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta fl-2050 bi stadji intermedji fl-2040 u fl-2030 għall-grilja prijoritarja lil hinn mill-kosta skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament TEN-E (UE) 2022/869 għall-grilji lil hinn mill-kosta fl-Ibħra tat-Tramuntana (NSOG) rispettivament; il-grilji lil hinn mill-kosta tal-Pjan ta' Interkonnnessjoni tas-Suq tal-Enerġija Baltiku (BEMIP offshore); il-grilji lil hinn mill-kosta tan-Nofsinhar u tal-Punent (SW offshore); il-grilji lil hinn mill-kosta tal-Atlantiku u l-grilji lil hinn mill-kosta tan-Nofsinhar u tal-Lvant (SE offshore)

³ Ir-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2009, (UE) 2019/942 u (UE) 2019/943 u d-Direttivi 2009/73/KE u (UE) 2019/944, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 45).

⁴ Pereżempju [d-Dikjarazzjoni ta' Esbjerg](#), [d-Dikjarazzjoni ta' Marienborg](#), id-[Dikjarazzjoni Konġunta tal-NSEC](#), id-[Dikjarazzjoni ta' Ostend](#), et all,

⁵ Pereżempju [l-Aġenda ta' Azzjoni tal-NSEC](#), id-[Dikjarazzjoni Ministerjali tal-Istrateġija għall-Baċir tal-Baħar tal-Atlantiku](#), et all.